MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2012

Citazzjoni Numru. 381/2008

**A B**
**vs**
**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet:

1. Illi l-partijiet inghaqdu fiz-zwieg fit-8 ta' Dicembru 1991, u minn din l-ghaqda twieldet it-tifla minuri li llum ghandha hmistax-il (15) sena F ;

2. Illi l-hajja konjugali bejn il-partijiet kontendenti ma ghadhiex iktar possibbli minhabba htijiet imputabbli lill-intimat senjatament minhabba adulterju, vjolenza fizika u morali, kif ukoll eccessi, sevizzi u ngurji gravi da parti tal-intimat fil-konfront tal-esponenti, u in subsidium ghax iz-zwieg tkisser irrimedjabilment ;

3. Illi minn dan iz-zwieg hemm il-minuri gia indikata tifla F ta’ hmistax-il (15) sena ;
4. Illi tentattivi biex jintlahaq ftehim bonarju ma swew ghal xejn u li l-esponenti otteniet id-debita awtorizazzjoni tal-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fis-7 t’Awwissu 2008 biex l-esponenti tkun tista` tipprocedi f’din l-istanza u ghalhekk qeghdin jigu intavolati l-proceduri odjerni ;

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet kontendenti mimhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenut intimat u tawtorizza lill-attrici rikorrenti tghix separatament mill-konvenut intimat;
2. Tordna l-konvenut intimat ghandu jivversa manteniment ghall-attrici rikorrenti u wkoll ghall-minuri F f’ammont li jigi likwidat u iffissat minn din l-Onorabbli Qorti;
3. Tapplika kontra l-konvenut intimat, interament jew in parti d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 *et sec* tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;
4. Tassenja favur l-attrici n-nofs sehem indiviz rapprezentanti s-sehem tal-konvenut mid-dar matrimonjali, b’tali mod li din issir proprjeta` assoluta tal-attrici rikorrenti u fin-nuqqas li ssir tali assenjazzjoni tawtorizza lill-attrici rikorrenti tkompli tirrisjedi fid-dar matrimonjali *vita durante* u dan ad esklussjoni tal-konvenut intimat u dan ghar-ragunijiet li se jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
5. Tiddikjara xolta l-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet kontendenti u tordna li l-istess oggetti kollha formanti parti mill-istss kommunjoni jigu maqsuma f’zewg porzjonijiet kif jigi stabbilit u ordnat minn din il-Qorti liema porzjonijiet jigu assenjati wahda lill-esponenti u l-ohra lill-konvenut intimat okkorendo bl-opera ta’ periti nominandi;
6. Tinnomina Nutar Pubbliku jekk ikun il-kaz biex jircievi l-att ta’ divizjoni relattiv u kuraturi biex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

7. Tikkundanna lill-konvenut jikkonsenja l-beni parafernali taghha u tordna lill-esponenti tigi moghtija l-piena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha;
8. Tawtorizza lill-attrici rikorrenti tirregistra fir-registru pubbliku s-sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut intimat ingunt ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat illi l-konvenut huwa kontumaci f'din il-kawza;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha kawza ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet bl-applikazzjoni tal-Artikoli 48 et seq, ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet, talba specifika ghall-manteniment kemm ghall-istess attrici kif ukoll ghall-minuri, talba specifika sabiex l-attrici tigi assenjata sehem indiviz rapprezentanti s-sehem tal-intimat mid-dar matrimonjali jew fin-nuqqas li l-attrici tibqa' tirrisjedi fl-istess dar *vita durante* ad eskluzjoni tal-intimat kif ukoll talba sabiex l-intimat jirritorna lura l-beni kollha parafernali tagħha u li konsegwentement l-istess attrici tigi moghtija l-piena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha.

Il-Qorti tirrileva li minkejja li l-intimat gie debitament notifikat, baqa' ma ntavolax ir-risposta guramentata tieghu u konsegwentement huwa meqjuz bhala kontumaci f'dawn il-proceduri.

**<u>VERZJONI RIKORRENTI</u>**

Ir-rikorrenti tghid li hija zzewget lill-intimat nhar it-8 ta' Dicembru 1991 u minn dan iz-zwieg twieldet il-minuri F. Tghid li l-problemi ta' bejniethom bdew meta l-intimat ha hanut gewwa Marsaskala. Kien dahhal persuna tahdem mieghu u skond ir-rikorrenti, l-intimat kellu relazzjoni adultera ma' din il-mara ghaliex ir-rikorrenti kienet sabet diversi messaggi fuq il-*mobile* tieghu minghandu kif ukoll ghaliex bdiet taqbad lil zewgha f'hafna gideb, fosthom il-fatt li kien jghidilha li ser idum il-hanut filwaqt li kienet tinzel ticcekkja u ssib il-hanut maghluq. Tghid ukoll li hi stess kienet taghmillu l-ghassa u tarah ma' din it-terza persuna, tant li darba fost l-ohrajn ir-rikorrenti hebbet ghal din il-mara filwaqt li darba ohra, wara li rat lil zewgha jerfa' lit-tifel ta' din il-mara, r-rikorrenti bdiet tghajjarha u sussegwentement gew il-pulizija. Ir-rikorrenti tkompli ssemmi numru ta' episodji fejn qabdet lill-intimat ma' din il-mara tant li darba minnhom qaltlu biex jaghzel bejnha u bejn din il-mara. Kien f'dan il-mument li l-intimat qabad hwejgu u telaq ghand ommu.

Ir-rikorrenti ssemmi wkoll episodji ta' vjolenza li whud minnhom ittiehdu passi wkoll kriminali izda sussegwentement ir-rikorrenti stess kienet tahfirlu.

**<u>VERZJONI INTIMAT</u>**

Illi kif il-Qorti diga' rrilevat, l-intimat huwa kontumaci f'dawn il-proceduri izda permezz tax-xhieda tieghu datata s-17 ta' Mejju 2011, huwa jaghti ftit informazzjoni dwar il-kaz odjern. Fil-fatt hu jghid li d-dar giet akkwistata qabel iz-zwieg (b'mod kuntrastanti ghal dak li ssostni l-attrici) filwaqt li jghid li parti minn din l-istess dar inbniet fiz-zwieg. Jiddikjara li huwa bennej li jahdem bhala *self-employed* u li jaghti mateniment lil martu, skont kemm ikun hemm bzonn. Jiddikjara wkoll li m'ghandux proprjeta' f'ismu.

Illi il-Qorti tirrileva li hija sprovvista mill-verzjoni tal-intimat ghal dak li jirrigwarda l-htija ghas-separazzjoni, l-motivazzjonijiet u x'wassal lill-partijiet sabiex jintavolaw il-proceduri odjerni. Lanqas ma ghandha xi informazzjoni

dwar x' jixtieq l-istess intimat ghal dak li jikkoncerna lil bintu F jew fuq il-proprjeta' formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

## IL-PROVI MIGBURA QUDDIEM DIN IL-QORTI

Il-Qorti taghmel referenza ghan-numru ta' rapporti[1] li ghamlet ir-rikorrenti tul iz-zmien li kienet tissusspetta li zewgha kien qed ikollu relazzjoni, liema rapporti jaghmlu referenza wkoll ghal episodji ta' argumenti u glied bejn il-partijiet kif ukoll mat-terza persuna li allegatament l-intimat kellu relazzjoni adultera maghha. Uhud mir-rapporti jaghmlu referenza wkoll ghal theddid serju li r-rikorrenti tikkontendi li gie kommess mill-intimat.

Il-Qorti necessarjament tirrileva li fil-kamp kriminali, l-oneru tal-prova huwa ferm aktar oghola minn dik fil-kamp civili. Ghalkemm huwa minnu li r-rikorrenti tikkontendi li kien hemm aktar minn okkazjoni wahda fejn hafret lil zewgha u ghalhekk huwa miftiehem li l-proceduri ma hadux il-kors taghhom, il-Qorti ma tistax tinjora n-numru ta' rapporti li gew intavolati minnha tul iz-zmien kif ukoll is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar l-24 ta' April 2012[2] u li permezz taghha l-intimat instab hati wara li gie ppruvat li kien zvestit mill-poter illi jhallas b'cekkijiet mill-kont ta' martu. Prova tat-temperament tal-intimat huwa r-rapport esebit in atti u mmarkat bhala Dok. PC3[3] fejn il-pulizija stess kienu xhieda tal-argument bejn il-partijiet kif ukoll tal-attentat da parti tal-intimat li jhebb ghal martu fil-prezenza tal-istess pulizija u fuq kollox tal-ahhar parti tas-sentenza msemmija aktar 'il fuq fejn il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ddirigiet lill-istess intimat jattendi ghal *anger management programme* kif ukoll ghal dawk il-programmi intizi kontra l-vjolenza domestika.

## DWAR IT-TALBA GHAS-SEPARAZZJONI PERSONALI

[1] Esebiti in atti a fol 147 *et seq*

[3] Ara a fol 152 tal-process

Dwar l-ewwel talba, u cioe' dik relatata mat-talba ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet, il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Scicluna Maria Dolores Sive Doris Vs Scicluna Anthony**[4] fejn gie ritenut li "***Sabiex tintalab is-separazzjoni personali mhux mehtieg li jikkonkorru l-eccessi, is-sevizzji, it-theddid u l-ingurji gravi, izda kull wahda minn dawn ir-ragunijiet wahedha hija sufficjenti***" u zzid tghid li "***Il-ligi tqieghed bhala motivi li jiggustifikaw l-azzjoni l-episodji saljenti tal-hajja konjugali u mhux incidenti minuri…..Ghal dak li jirrigwarda theddid u vjolenzi l-ligi tikkontenta ruhha bil-persistenza f'certa mgieba hazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima***".

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Tabone Lea pro et noe vs Tabone Jesmond**[5] u **Greengrass Hugh vs. Greengrass Lucia**[6] fejn gie ritenut li "***Ghal dak li jirrigwarda theddid u vjolenzi l-ligi tikkontenta ruhha bil-persistenza f'certa mgieba hazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima***" u zzid tghid ukoll li "***Sabiex tigi promossa t-talba ghas-separazzjoni mhux mehtieg kumulu ta` kawzali, kull wahda mill-kawzali ta' sevizji, it-theddid u l-ingurji gravi hija sufficjenti sabiex jigu vjolati r-rigwardi tal-konvivenza konjugali***".

Il-Qorti hija moralment konvinta sal-grad rikjest mil-ligi (u dan anke wara li qrat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati msemmija aktar 'il fuq) li l-intimat irrenda ruhu hati ta' vjolenza fuq martu kif ukoll li huwa heddidha. Barra minn hekk, din il-Qorti hija moralment konvinta wkoll li l-intimat irrenda ruhu hati ta' adulterju li huwa wkoll wiehed mill-elementi li jwassal ghal separazzjoni bejn il-partijiet.

In vista ta' tali gurisprudenza u minghajr ebda bzonn ta' ripetizzjoni zejda, din il-Qorti taghmel referenza ghall-paragrafi citati aktar 'l isfel kif ukoll ghax-xhieda mressqa

---

[4] Deciza nhar is-27 ta' Novembru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Cit Nru 1715/2001)

[5] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill- **Prim'Awla tal-Qorti Civili (Rik Ġur Nru 1396/2001)**

[6] **Deciza nhar it- 2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Rik Ġur Nru 98/2002)**

mir-rikorrenti u il-Qorti terga’ tikkonferma li hija moralment konvinta li l-intimat irrenda ruhu hati tas-separazzjoni bejn il-partijiet minhabba t-theddid u l-vjolenza tieghu u fuq kollox minhabba l-adulterju kommess minnu u ghalhekk ma tara ebda raguni ghala l-ewwel talba tar-rikorrenti m’ghandhiex tigi milqugha;

**DWAR IT-TALBA GHAL MANTENIMENT GHAR-RIKORRENTI**

Permezz tal-affidavit taghha r-rikorrenti tiddikjara li harget tahdem bhala *chamber-maid* fuq bazi *part-time* f’lukanda wara li nqalghu l-problemi bejn il-partijiet. Hi tghid li dan kien pass necessarju sabiex tkun tista’ tghajjex ukoll lil binthom (li llum hija maggorenni), anke ghaliex l-intimat ma jhallasx manteniment. Min-naha tieghu l-intimat jiddikjara hu stess li huwa *self-employed* u jahdem bhala bennej. Dwar il-fatt li l-intimat jahdem bhala bennej u ghandu introjtu tajjeb, il-Qorti tirrileva li hija moralment konvinta. Dan ghaliex permezz tan-numru ta’ ritratti li esebiet l-istess rikorrenti, jidher car li l-istess intimat kien involut f’diversi siti ta’ kostruzzjoni.

Il-Qorti taghmel referenza ghall-fatt li minkejja li fix-xhieda tieghu in subizzjoni l-intimat obbliga ruhu li jipprezenta l-*income returns* tieghu dan baqa’ ma ottemporax ruhu mal-istess. Wara d-dikjarazzjoni tal-istess rikorrenti li hija tahdem fuq bazi *part-time* il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi, anke minhabba l-fatt li il-Qorti hija tal-fehma li kien l-intimat li wassal ghas-separazzjoni bejn il-partijiet, sejra tillikwida ammont ta’ manteniment li jkun dovut lir-rikorrenti mill-intimat.

**DWAR IT-TALBA GHALL-MANTENIMENT TAL-WILD**

Il-Qorti tirrileva li bint il-partijiet u cioe’ F B illum hija maggorenni u mill-provi jirrizulta li ghandha impjieg ukoll fl-istess lukanda fejn tahdem ommha. Dan necessarjament ifisser li l-wild prezentement u strettament m’hijiex dovuta ebda manteniment *stante* li ghandha impjieg. Pero’ il-Qorti, in vista tal-emendi ricenti fil-ligijiet relattivi ghall-manteniment tal-ulied, tirrileva wkoll li f’kaz li

tali wild terga' taqbad l-istudji taghha fuq bazi *full-time* il-genituri jerga' jkollhom l-obbligu li jmantnuha. F'dan il-kuntest il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Portelli Jennifer pro et noe vs. Portelli John**[7] u **Tabone Lea pro et noe vs Tabone Jesmond**[8] fejn saret referenza ghal:

Artikolu 3 tal-Kap 16 li jipprovdi li :-

"***Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hila taghhom, li jahdmu kemm fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja***"

ghal artikolu 3B tal-Kap 16 li jistipula illi:

"***Iz-zwieg jimponi fuq il-mizzewgin l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil ulied li jigu miz-zwieg skond il-hila, xehtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied***."

u ghal artikolu 7 (1) ta' l-istess Kap 16 jinghad li:-

"***Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3 B ta' dan il-Kodici."***

Ghalhekk abbazi tal-premess, jirrizulta mid-dispozizzjonijiet tal-ligi, li l-genituri ghandhom l-istess obbligi verso l-ulied taghhom, u ghalhekk it-tnejn li huma ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija ta' l-istess, aktar u aktar meta llum il-mizzewgin huma f'pozizzjoni ta' ugwaljanza u ghandhom l-istess drittijiet u allura, anke skond l-artikolu 2 tal-Kap 16 "jerfghu r-responsabilitajiet indaqs matul iz-zwieg taghhom."

Certament li l-obbligi mnizzla miz-zwieg, isofru mutament fil-kors ta' separazzjoni bejn il-partijiet, anke fil-kazijiet ta'

[7] Deciza nhar il-25 ta' Gunju 2003 mill- Prim'Awla tal-Qorti Civili (Rik Gur 2668/1996)
[8] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill- **Prim'Awla tal-Qorti Civili (Rik Ġur Nru 1396/2001)**

pendente lite, pero' l-obbligu taz-zewg genituri lejn l-ulied jibqa' bazikament l-istess dettat kull wiehed skond il-mezzi tieghu, ikkalkulati skond id-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 20 ta' l-istess Kap, u l-bzonnijiet ta' l-istess minuri, u fl-interess ta' l-istess minuri.

Illi huwa ovvju li kif ghandha tkun tali kontribuzzjoni minn kull wiehed mill-genituri, tvarja minn kaz ghal kaz, u hafna jiddependi fuq il-mezzi rispettivi u l-bzonnijiet ta' l-istess minuri, pero' xorta jibqghu veljanti u skjetti l-principji li jirregolaw l-istess dmirijiet u obbligazzjonijiet tal-genituri verso l-istess ulied, specjalment ghall-manteniment ta' l-istess fit-termini preskritti fl-artikolu 19 (1) u (2) u l-artikolu 20 tal-Kap 16, li ghalhekk jinkludu kontribuzzjoni ghall-ikel, ilbies, sahha u abitazzjoni u spejjez mehtiega ghall-istess sahha u ghall-edukazzjoni taghhom u skond il-bilanc bejn il-bzonn u l-mezzi, kkalkulati ai termini tas-sub-artikoli ta' l-istess artikolu 20. Illi dan apparti l-obbligi tal-kontendenti li jmantnu lil xulxin skond id-dettami tal-ligi, u skond il-kalkoli hemm indikati.

Il-Qorti tirrileva wkoll li l-obbligu ghall-manteniment tal-ulied m'huwiex marbut bl-ebda mod mal-impjieg jew mal-introjtu tal-genituri izda huwa obbligu assolut. Fil-kaz odjern, jidher li l-intimat ghandu introjtu tajjeb bhala bennej filwaqt li r-rikorrenti ghandha xoghol fuq bazi *part-time* bhala *chamber-maid*. Tenut kont ta’ dan kollu, kif diga’ gie rilevat, il-wild F ikollha d-dritt ghall-manteniment f’kaz li hija terga’ taqbad l-istudji taghha. Ghalhekk, fic-cirkustanzi, il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’din it-talba izda tippreciza li f’kaz li l-wild terga’ tibda l-istudji taghha fuq bazi *full-time*, l-intimat ikun obbligat li jhallas manteniment ta’ mitejn u hamsin ewro (€250) fix-xahar ghall-istess bintu sal-eta’ massima ta’ 23 sena.

**<u>DWAR L-APPLIKAZZJONI TAL-ARTIKOLU 48 ET SEQ KONTRA L-INTIMAT</u>**

L-artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta jghid hekk:

(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -
(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;
(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;
(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-Qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda millpartijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;
(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Greengrass Hugh vs. Greengrass Lucia** deciza fit- 2 ta' Ottubru 2003[9] fejn ghamlet referenza ghal Artikolu 51 tal-Kodici Civili li jiddisponi li:-

"***Il-firda li ssir minhabba xi wahda mir-ragunijiet imsemmijin fl-artikolu 40*** [u cioe' eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment]***, tista' jkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48, meta l-Qorti jidhrilha li, taht ic-cirkostanzi tal-kaz, ghandhom jghoddu, f'kollox jew f'bicca, id-dispozizzjonijiet ta' dak l-artikolu." L-effetti kontemplati mill-artikolu fuq citat ghandhom japplikaw biss f'kaz fejn iz-zwieg ikun tfarrak bi htija preponderanti ta' xi hadd mill-mizzewgin***".

Il-Qorti, kif diga' kellha l-opportunita' li tiddikjara, hija moralment konvinta sal-grad rikjest mil-ligi li l-firda bejn il-partijiet hija unikament imputabbli lill-intimat u

[9] Rik Ġur Nru 98/2002

ghaldaqstant, il-Qorti qieghda tilqa’ t-tielet talba tar-rikorrenti u tapplika l-Artikolu 48 *et seq* kontra l-intimat;

**DWAR IT-TALBA GHAX-XOLJIMENT TAL-KOMUNJONI TAL-AKKWISTI**

Il-Qorti tirrileva li r-raba’ talba tar-rikorrenti tista’ facilment tigi inkluza taħt dan il-paragrafu *stante* li l-assenzjazzjoni tal-proprjeta’ formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti taqa’ taħt il-kappa tax-xoljiment tal-istess komunjoni tal-akkwisti.

Ir-rikorrenti qieghda titlob li tigi assenjata nofs sehem indiviz rapprezentanti s-sehem tal-konvenut mid-dar matrimonjali u cioe’ ‘Villa Rosa’, Triq il-Labour Zejtun. Jigi rilevat li minkejja li fuq il-kuntratt ta’ akkwist ta’ din l-istess dar matrimonjali deher biss l-intimat C B[10], id-dar hija xorta proprjeta’ taz-zewg partijiet *stante* li din inxtrat fiz-zwieg u konsegwentement hija formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

Il-Qorti taghmel referenza ghar-rapport tal-Perit Cleaven Tabone[11] fejn jiddikjara li l-valur tal-istess proprjeta’ jammonta ghal €460,000.

Il-Qorti tirrileva li l-fatt li l-intimat hu l-parti unikament hati tas-separazzjoni ma jfissirx li hu ghandha jigi pprivat mill-uzu ta’ sehemhu mid-dar tal-komunjoni ghal zmien indefenit, b’mod li allura ma jkun jista’ qatt igawdi dan is-sehem[12]. Il-Qorti ma thoss li hu gust li l-intimat jigi privat mit-tgawdija *vita natura durante* ta’ dak li hu tieghu bil-ligi, multo magis meta l-proprjeta’ ghandha valur sostanzjali.

Ir-rikorrenti tghid ukoll li l-partijiet m’ghandhomx *joint accounts* bejniethom (ghalkemm mill-provi rrizulta li *joint accounts* gew miftuha bejn il-partijiet) jew xi flus kontanti u

---

[10] Ara a fol 30 tal-process

[11] Esebit a fol 231 tal-process

[12] Ara l-kawza fl-ismijiet Therese sive Marthese Ebejer vs Paul Ebejer deciza nhar is-26 ta’ Jannar 2012 mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja)

tiddikjara wkoll li m'ghandhiex proprjeta' parafernali. Permezz tan-nota guramentata taghha l-attrici tghid ukoll li formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti hemm vettura tat-tip Mercedes bin-numru ta' registrazzjoni FBN 505 li ghandha xi facilita' mal-bank abbinata maghha, izda mix-xhieda ta' C B bhala rapprezentant ta' Trasport Malta, jirrizulta li l-intimat ghandu zewg vetturi f'ismu li wahda minnhom tikkombaci man-numru ta' registrazzjoni msemmi mir-rikorrenti filwaqt li l-vettura l-ohra ghandha numru ta' registrazzjoni GAJ 093 tat-tip BMW[13]. Jidher ukoll li l-intimat kellu wkoll zewg vetturi ohra izda li gew trasferiti lil terzi, b'wahda minnhom u cioe' dik bin-numru ta' registrazzjoni EAD 653 tat-tip Leyland Cruiser giet trasfeA ftit tal-jiem qabel ma gew intavolati l-proceduri ojderni.

Il-Qorti tirrileva li minkejja li r-rikorrenti tikkontendi li l-intimat ghandu wkoll vettura ohra tat-tip BMW izda li giet registrata f'isem missieru, il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni ta' tali allegazzjoni *stante* li ma hemm ebda prova li turi li fattwalment tali vettura hija l-proprjeta' tal-istess intimat. Dan qieghed jinghad anke wara li ta x-xhieda tieghu r-rapprezentant ta' Trasport Malta u elenka l-vettura f'isem l-istess intimat. Ghalhekk fic-cirkustanzi, il-Qorti ma tista taghmel xejn hlief tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' tali allegazzjoni ghaliex tali vettura ma tistax titqies bhala formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

Il-Qorti, wara li laqghet it-tielet talba tar-rikorrenti ghall-applikazzjoni tal-Artikolu 48 *et seq* tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta *stante* li zammet lill-intimat bhala l-konjugi responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg, qieghda tilqa' tiddisponi mir-raba' u l-hames talbiet xxolji l-komunjoni tal-akkwisti bil-mod segwenti:

[1] Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tghix b'mod esklussiv flimkien ma' bintha fil-fond matrimonjali u cioe' Il-fond 'Villa Rosa', Triq il-Labour Zejtun saz-zmien hames snin mid-data ta' din is-sentenza b'dan illi f'dan il-perjodu

---

[13] Ara Dok. SC2 a fol 219 u 220 tal-process

kwalunkwe kontijiet relattivi ghall-istess dar ghandhom jithallsu b’mod esklussiv mir-rikorrenti. Sussegwentement wara l-imsemmija hames snin, l-imsemmi fond ghandu jinbiegh fis-suq miftuh b’dan illi r-rikavat jinqasam b’mod ugwali bejn il-partijiet b’dan illi jekk jirrizulta xi dejn fuq l-istess fond, dan ghandu jigi imhallas esklussivament mir-rikavat li jkun spettanti lill-intimat;

[2] Il-mobbli kollha li jistghu ikunu ezistenti fl-imsemmi fond illum ghandhom jibqghu fl-istess fond u jibieghu ukoll izda dan ad eskluzjoni tal-oggetti personali inkluż hwejjeg tal-partijiet u oġġetti parafernali;

[3] Il-vettura tat-tip Mercedes bin-numru ta’ registrazzjoni FBN 505 u l-vettura GAJ 093 tat-tip BMW ghandhom jigu assenjati lill-konvenut b’dan illi r-rikorrenti tinghata nofs il-valur tal-istess vetturi hekk kif valutati fil-mument tal-akkwist. L-intimat huwa ordnat li jhallas nofs sehem ir-rikorrenti hekk kif stipulat fi zmien sitt xhur mid-data ta’ din is-sentenza. F’kaz li l-intimat ma jottemporax ruhu, allura dan is-sehem ghandu jithallas minn sehem l-intimat mid-dar matrimonjali mal-bejgh taghha. Kwalunkwe dejn li jista’ jkun hemm fuq tali vetturi ghandu jithallas b’mod esklussiv mill-intimat;

[4] Id-dejn hekk ikkontrattat mill-partijiet ad insaputa tal-parti l-ohra ghandu jigi kopert u mhallas b’mod esklussiv minn dik il-parti li tkun kontrattatu;

[5] Dwar il-kontijiet bankarji, dawn ghandhom jigu maqsuma b’mod ugwali bejn il-partijiet.

**DWAR IT-TALBA GHAR-RESTITUZZJONI TAL-ASSI PARAFERNALI TAR-RIKORRENTI**

Il-Qorti tirrileva li dwar din it-talba, r-rikorrenti ma tipproduci ebda prova dokumentarja jew ohra. Fid-dawl ta’ dan in-nuqqas, il-Qorti ma ghandha ebda triq ohra hlief li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess talba.

**DECIDE**

Ghalhekk, ghal dawn il-motivi, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

[1] Tilqa' l-ewwel talba fis-sens li tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, bi htija unika tal-intimat filwaqt li r-rikorrenti qieghda tigi awtorizzata tghix b'mod separate mill-konvenut;

[2] Tilqa' it-tieni talba fis-sens li tiffissa u tordna lill-intimat ihallas is-somma ta' tlett mitt ewro (€300) fix-xahar bhala manteniment ghar-rikorrenti, liema manteniment ghandu jithallas lir-rikorrenti kull l-ahhar tax-xahar u tiffissa u tordna lill-intimat limitatament f'kaz li l-wild tal-partijiet tkun qieghda tistudja fuq bazi *full-time* u dan sa' massimu tal-eta' ta' 23 sena ghall-ammont ta' €250 fix-xahar liema manteniment ghandu jithallas lir-rikorrenti kull l-ahhar tax-xahar;

[3] Tilqa' it-tielet talba;

[4] Tichad ir-raba' talba;

[5] Tilqa' l-hames talba hekk kif kontemplat ukoll taħt il-kappa intestata 'Dwar it-Talba Ghax-Xoljiment tal-Komunjoni tal-Akkwisti';

[6] Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-sitt u s-seba' talba;

[7] Tilqa' t-tmien talba u tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirregistra fir-registru pubbliku s-sentenza odjerna, b'dan illi wara li il-Qorti rat in-nota taghha a fol 223 tal-process, *ai termini* tal-Artikolu 62(1) tal-Kap. 16 tiddikjara li r-rikorrenti ghandha terga' tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' Bonello;

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------